GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

ĊIRKULARI

Referenza: DELH 070/2026

Mingħand: L-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

Lil: Diretturi Ġenerali
Uffiċjali Ewlenin tal-Informazzjoni
Chairpersons / Uffiċjali Eżekuttivi Ewlenija
Diretturi / Assistenti Diretturi
Kapijiet tal-Kulleġġi
Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji (Stat, Knisja u Indipendenti)
Uffiċjali Edukattivi / Kapijiet tad-Dipartiment
Ħaddiema (MES)

Suġġett: Attivitá mal-Melodija għall-Iskejjel Sekondarji

Data: 4 ta' Novembru 2026

Id-Dipartiment tal-Malti fi ħdan id-Direttorat għas-Snin Bikrin, il-Lingwi u l-Istudji Umanistiċi flimkien maċ-Ċentru tal-Ilsien Malti se jkunu qed itellgħu attività li fiha l-poeżija *Għaliex? Jedd il-Lsien Malti* ta' Dun Karm se tkun animata u interpretata mir-rapper Malti magħruf bħala *Lapes* flimkien ma' Nadine. Din l-attività se ssir fl-iskejjel sekondarji ta' ħames kulleġġi differenti f'dawn id-dati:

16 ta' Novembru 2026	Skola Sekondarja Sir Adrian Dingli Pembroke	Kulleġġ Santa Klara
18 ta' Novembru 2026	Skola Sekondarja Margaret Mortimer Santa Luċija	Kulleġġ San Tumas Moore
24 ta' Novembru 2026	Skola Sekondarja,il-Liċeo, il-Ħamrun	Kulleġġ San Ġorg Preca
2 ta' Diċembru 2026	Skola Sekondarja Gużeppi Despott Cospicua	Kulleġġ Santa Margerita
9 ta' Diċembru 2026	Skola Sekondarja Ninu Cremona, Victoria	Kulleġġ t'Għawdex

Dan il-proġett huwa wieħed minn għadd ta' inizjattivi li t-Taqsima tal-Malti tad-Dipartiment tal-Kurrikulu ħadet f'dawn l-aħħar xhur. Din l-inizjattiva se tkun qed tintrabat ma' inizjattivi oħra li għandhom l-għan li l-letteratura tingħaqad ma' forom oħra ta' arti u tkun apprezzata mill-istudenti.

Grazzi tas-sapport u l-koperazzjoni tagħkom,

Dr. Alice Micallef
Direttriċi
Snin Bikrin, Lingwi u Studji Umanistiċi